MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MALLIA MICHAEL LL.D.**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 852/2001/1

**Rose Camilleri**

**vs**

**Simon Zammit u b'digriet ta' l-4 ta' Mejju, 2002, giet kjamata fil-kawza s-socjeta' S.D. Construction Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fit-8 ta' Ottubru, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attrici s-somma ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700.00) rapprezentanti danni nkorsi mill-istess attrici konsegwenza ta' xoghol hazin li ma sarx skond is-sengha u l-arti fil-fond, gebel u saqaf, f'M'Scala.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt sabiex jixhed u ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Simon Zammit fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti ma kienx kontradittur tal-kuntratt ta’ appalt in kwistjoni;
2. Illi subbordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma kkaguna l-ebda danni u ma ghamel l-ebda xoghol hazin lill-atturi, kif ser ikun ippruvat waqt il-trattazzjoni tal-kawza;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ Novembru, 2001, fejn innominat lit-tekniku Vincent Ciliberti biex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attrici wara li jiehu konjizzjonijet tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha ta’ l-4 ta’ Marzu, 2002, (Fol. 9) fejn ordnat lil kjamata fil-kawza tas-socjeta’ S.D. Construction Limited ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors ta’ l-atturi tal-11 ta’ Frar, 2002;

Rat ir-rapport tat-tekniku minnha nominat opprezentat fit-2 ta’ Mejju, 2002, u mahluf fit-18 ta’ Ottubru, 2002;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-attrici kkummissjonat lill-konvenut sabiex jaghmillha x-xoghol ta’ tqeghid ta’ madum, katusi, tikhil u tibjid fil-fond 2A, Ramla Road, St Thomas Bay, Marsascala.

L-appalt gie mqassam fuq zewg skritturi, wahda b’valur ta’ elfejn lira Maltin (Lm2000) u l-ohra fuq il-valur ta’ elf, hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm1510).

Fuq l-ewwel ftehim l-attrici hallset seba’ mitt lira Maltin (Lm700) u fuq it-tieni ftehim hallset elf lira Maltin (Lm1000).

Jinghad mill-bidu nett illi l-konvenut ma tantx wera nteress f'din il-kawza, tant illi minn erba' seduti u access, attenda biss seduta wahda minkejja illi kien dejjem interpellat biex jattendi kemm mill-perit tekniku kif ukoll mill-avukat tieghu.

Il-perit tekniku acceda fil-post u seta' jara b'ghajnejh ix-xogholijiet li suppost ghamel il-konvenut. Bhala parti mill-prova l-attrici pproduciet lil perit Marie Louise Cremona li pprezentat ukoll rapport illi juri l-istat ta' bini li halla l-konvenut, fejn jidher car li minn dak kollu li gie patwit, il-konvenut ma ghamel xejn jew jekk ghamel ghamlu mhux skond l-arti u s-sengha.

Fil-fatt il-perit tekniku kkonkluda illi r-responsabbilta' ghad-danni ghandhom jigu akkolti nterament fuq il-konvenut, dana illi wara ra b'ghajnejh l-istat ta' dan il-fond u ta piz lir-rapport rilaxxat minn Marie Louise Cremona li bazikamet ikkumplimenta dak illi ra fl-access.

Il-Qorti rat ir-ritratti li hemm esebiti mar-relazzjoni tal-perit tekniku u ma tridx tkun xi perit biex tirrealizza d-dizastru li hall warajh l-konvenut. Ta' dan, m'hemmx dubbju illi ghandu jkun responsabbli u ghandu jaghti lura l-flus kollha illi gew moghtija lilu mill-attrici.

Ghalhekk, il-Qorti filwaqt illi tiddikjara illi taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit tekniku, u ma' l-argumenti minnu migjuba, tordna lill-konvenut jerfa' r-responsabbilta' ta' ghemilu; u

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tikkundanna lill-konvenut u lis-socjeta' S.D. Construction Limited solidament li jhallasuha s-somma ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700.00) rapprezentanti danni nkorsi mill-istess attrici konsegwenza ta' xoghol hazin illi ma sarx skond l-arti u s-sengha fil-fond, gebel u saqaf, f'Marsascala.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut u s-socjeta' S.D. Construction Limited, solidament.

Anthony Zammit
Deputat Registratur